REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 319/2013

tat-8 ta' April 2013

li jidderoga għas-sena tas-suq 2012/2013, mill-Artikolu 63(2)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tad-dati għall-komunikazzjoni tar-riporti taz-zokkor żejjed

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u partikolarment il-punt (c) tal-Artikolu 85 flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 63(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, impriżi li jiddeċiedu jirriportaw parti jew il-produzzjoni tagħhom kollha li taqbeż il-kwota għandhom jinfurmaw lill-Istati Membri konċernati dwar iddeċiżjoni. Dik l-informazzjoni għandha tiġi sottomessa qabel data li għandha tiġi determinata minn kull Stat Membru, fil-limiti taż-żmien ipprovduti minn dak l-Artikolu.

(2) Sabiex ikun iffaċilitat il-forniment taz-zokkor barra millkwota fis-suq tal-Unjoni, u b'hekk l-impriżi jitħallew jirreaġixxu għat-tibdiliet fid-domanda mhux previsti fl-ewwel xhur tas-sena tas-suq 2012/2013, jeħtieġ li l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà li jiddeterminaw dati b'limiti aktar tard minn dawk provduti fl-Artikolu 63(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(3) Huwa għalhekk xieraq li ssir deroga mill-Artikolu 63(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-sena tas-suq 2012/2013.

(4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 63(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, għas-sena tas-suq 2012/2013, l-impriżi li, skont l-Artikolu 63(1) ta' dak ir-Regolament, iddeċidew li jirriportaw il-kwantitajiet taz-zokkor żejjed, għandhom jinfurmaw lill-Istat Membru konċernat qabel id-data li se tiġi ddeterminata mill-Istati Membri bejn l-1 ta' Frar u l-15 ta' Awwissu 2013.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika sat-30 ta' Settembru 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' April 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.